

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 276/2010**tal-31 ta' Marzu 2010**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), fir-rigward tal-Anness XVII (id-diklorometan, iż-żjut tal-lampi u l-fluwidi tal-lajter tal-grill u l-komposti organostanniċi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE rigward ir-restrizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq u l-użu taż-żjut tal-lampi u l-fluwidi tal-lajter tal-grill ⁽⁴⁾ ġiet adottata fit-28 ta' Mejju 2009.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE ⁽¹⁾ tal-Kummissjoni b'mod partikulari l-Artikolu 131 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ⁽²⁾ stabbiliet fl-Anness I tagħha r-restrizzjonijiet għal ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi. Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ħassar u ħa post id-Direttiva 76/769/KEE b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009. L-Anness XVII ta' dan ir-Regolament jieħ u post l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 455/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE rigward ir-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu tad-diklorometan ⁽³⁾ ġiet adottata fis-6 ta' Mejju 2009.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/424/KE li temenda, għall-għan tal-addattament għall-progress tekniku, l-

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/425/KE li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti komposti organostanniċi bl-għan li l-Anness I tagħha jiġi adattat għall-progress tekniku ⁽⁵⁾ ġiet adottata fit-28 ta' Mejju 2009.

(5) Wara d-dispożizzjonijiet dwar miżuri tranżitorji fl-Artikolu 137 tar-REACH, jixraq li jiġi emendat l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 bil-għan li jiġu inkorporati r-restrizzjonijiet previsti mid-Deċiżjonijiet 455/2009/KE, 2009/424/KE u 2009/425/KE.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(7) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ b'mod urġenti biex dawn ir-restrizzjonijiet jiġu inklużi fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 mill-aktar fis possibbli.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandu jiġi emendat b'mod konformi mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.

⁽³⁾ ĠU L 137, 3.6.2009, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 138, 4.6.2009, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 138, 4.6.2009, p. 11.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, it-tabella li tiffissa d-deżinjazzjoni tas-sustanzi, il-gruppi ta' sustanzi u t-taħlitiet u l-kundizzjonijiet ta' restrizzjoni hija emendata kif ġej:

(1) L-iskrizzjoni 3 hija sostitwita permezz ta' dan li ġej:

“3. Sustanzi jew taħlitiet likwidi, meqjusin bħala perikolużi skont id-definizzjonijiet fid-Direttiva 67/548/KEE u d-Direttiva 1999/45/KE.	1. Ma għandhomx jintużaw fi: — oġġetti ornamenti, maħsuba biex jipproduċu d-dawl jew effetti tal-kulur permezz ta' fażijiet differenti, pereżempju f'bozoz għat-tiżjin u axtrejs, — bużullotti u ċajt, — loġhob għal parteċipant wieħed jew aktar, jew kull oġġett maħsub li jintuża bħala tali, anke b'aspetti għat-tiżjin. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk dawn ikollhom aġent tal-kulur, sakemm jinhtiegħ għal finijiet fiskali jew bħala fwieħa jew għat-tnejn u jekk dawn: — jistgħu jintużaw bħala pitrolju flampi dekorattivi għall-forniment tal-pubbliku ġenerali, u, — jippreżentaw periklu ta' teħid man-nifs u jkollhom it-tikketta R65 jew H304. 4. Lampi taż-żejt dekorattivi għall-forniment tal-pubbliku ġenerali ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jikkonformawx mal-Istandard Ewropew dwar il-lampi taż-żejt Dekorattivi (EN 14059) adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). 5. Bla ħsara għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn relatati mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi, min iforni għandu jiżgura, qabel it-tqegħid fis-suq, li dawn ir-rekwiżiti huma ssodisfatti: (a) iż-żjut tal-lampi, ittikkettjati b'R65 jew H304, maħsuba għall-forniment tal-pubbliku ġenerali huma viżibbli, jinqraw u mmarkati b'mod li ma jitħassarx kif ġej: 'Żomm il-lampi mimlijin b'dan il-likwidu 'l hinn milli jintlaħqu mit-tfal'; u, sal-1 ta' Diċembru 2010, 'Belgħa biss miż-żejt tal-lampa — jew anki jekk issoffi il-ftila tal-lampi bil-ħalq — tista' tikkawża ħsara lill-pulmun li taf twassal għall-mewt'; (b) il-fluwidi tal-lajter tal-grill, ittikkettjati b'R65 jew H304, maħsuba għall-forniment tal-pubbliku ġenerali huma viżibbli, jinqraw u mmarkati b'mod li ma jitħassarx sal-1 ta' Diċembru 2010 kif ġej: 'Belgħa biss mil-lajter tal-grill tista' tikkawża ħsara lill-pulmun li taf twassal għall-mewt'; (c) iż-żjut tal-lampi u l-lajters tal-grill, ittikkettjati b'R65 jew H304, maħsuba għall-forniment tal-pubbliku ġenerali huma ppakkjati f'kontenituri suwed opaki li ma jaqbżux il-litru sal-1 ta' Diċembru 2010. 6. Mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija Ewropea tal-Kimiċi biex tħejji dossier, skont l-Artikolu 69 tar-Regolament preżenti sabiex jiġu pprojbiti, jekk xieraq, il-fluwidi tal-lajter tal-grill u l-fjuwil għal-lampi dekorattivi, ittikkettjati R65 jew H304, maħsuba għall-forniment fost il-pubbliku ġenerali. 7. Il-persuni naturali u legali li jqiegħdu għall-ewwel darba fis-suq żjut tal-lampi jew fluwidi tal-lajter tal-grill, ittikkettjati R65 jew H304, għandhom sal-1 ta' Diċembru 2011, u kull sena wara dan, jipprovdut deġta dwar l-alternattivi għaż-żjut tal-lampi u fluwidi tal-lajter tal-grill ittikkettjati R65 jew H304 lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jagħmlu din id-deġta disponibbli għall-Kummissjoni.”
---	---

(2) Fl-Entratura 20, il-paragrafi li ġejjin 4, 5 u 6 jiżdiedu mat-tieni kolonna:

	“4. Komposti organostanniċi trisostitwiti: (a) Il-komposti organostanniċi trisostitwiti bħall-komposti tributyltin (TBT) u trifenyltin (TPT) m'għandhomx jintużaw wara l-1 ta' Lulju 2010 f'oġġetti fejn il-konċentrazzjoni fl-oġġett, jew parti minnu, huwa ikbar mill-ekwivalenti ta' 0,1 % skont il-piż tal-landa. (b) L-oġġetti li ma jikkonformawx mal-punt (a) ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-1 ta' Lulju 2010, ħlief oġġetti li diġà kienu qed jintużaw fil-Komunità qabel dik id-data. 5. Komposti tad-Dibutyltin (DBT): (a) Il-komposti tad-dibutyltin (DBT) ma għandhomx jintużaw wara l-1 ta' Jannar 2012 f'taħlitiet u oġġetti għal provvista lill-pubbliku ġenerali fejn il-konċentrazzjoni fit-taħlita jew l-oġġett, jew parti minnu, hija ikbar mill-ekwivalenti ta' 0,1 % skont il-piż tal-landa. (b) L-oġġetti u t-taħlitiet li ma jikkonformawx mal-punt (a) ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-1 ta' Jannar 2012, ħlief oġġetti li diġà kienu qed jintużaw fil-Komunità qabel dik id-data. (c) B'deroga, il-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw qabel l-1 ta' Jannar 2015 għall-oġġetti u t-taħlitiet li ġejjin għall-provvista lill-pubbliku ġenerali: — ażeżivi u siġillanti tal-vulkanizzar ta' temperatura ambjentali b'komponent wieħed u b'żewġ komponenti (siġillanti RTV-1 u RTV-2), — żebgħa u kisi li fihom il-komposti DBT bħala katalizzaturi meta jiġu applikati fuq l-oġġetti, — profili tal-polyvinyl chloride (PVC) rotob kemm jekk waħedhom jew koetrużi mal-PVC iebes, — tessuti miksija bil-PVC li fih il-komposti DBT bħala stabilizzaturi meta jkunu magħmula għall-applikazzjoni esterna, — pajpijiet għall-ilma tax-xita għall-użu estern, kanali għall-miżieb u taġħmir għalihom, kif ukoll materjal ta' kisi għas-soqfa u l-faċċati. (d) B'deroga, il-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw għall-materjali u l-oġġetti regolati skont ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004. 6. Il-kompost Dioctyltin (DOT): (a) Il-komposti dioctyltin (DOT) ma għandhomx jintużaw wara l-1 ta' Jannar 2012 fl-oġġetti li ġejjin għall-provvista, jew l-użu mill-pubbliku ġenerali fejn il-konċentrazzjoni fl-oġġett, jew parti minnu, hija ikbar mill-ekwivalenti ta' 0,1 % skont il-piż tal-landa: — l-oġġetti tessili maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ġilda, — ingwanti, — xidd is-saqajn, jew parti minnhom maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ġilda, — kisi tal-art jew tal-ħajt, — oġġetti għall-kura tat-tfal, — prodotti tal-iġjene tan-nisa,
--	--

	— ħrieqi, — moulding kits tal-vulkanizzar ta' temperatura ambjentali b' żewġ komponenti (RTV-2 moulding kits). (b) L-oġġetti li ma jikkonformawx mal-punt (a) ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-1 ta' Jannar 2012, ħliet oġġetti li diġà kienu qed jintużaw fil-Komunità qabel dik id-data."
--	--

(3) L-entratura 59 li ġejja tiġi miżjuda:

"59. Id-diklorometan CAS Nru 75-09-2 Nru tal-KE: 200-838-9	1. Prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom diklorometan f'konċentrazzjoni daqs jew akbar minn 0,1 % skont il-piż ma għandhomx: (a) jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba għall-provvista lill-pubbliku ġenerali jew lill-professjonisti wara s-6 ta' Diċembru 2010; (b) jitqiegħdu fis-suq għall-provvista lill-pubbliku ġenerali jew lill-professjonisti wara s-6 ta' Diċembru 2011; (c) jintużaw minn professjonisti wara s-6 ta' Ġunju 2012. Għall-finijiet ta' din l-iskrizzjoni: (i) 'professjonist' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, inklużi ħaddiema u ħaddiema li jaħdmu għal rashom, li fl-attività professjonali tagħhom jagħmlu xogħol ta' tqaxxir ta' żebgħa li ma jsirx fi stabbiliment industrijali; (ii) 'stallazzjoni industrijali' tfisser faċilità li tintuża għall-attività ta' tqaxxir taż-żebgħa. 2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu fuq it-territorji tagħhom, u għal ċerti attivitajiet, l-użu minn professjonisti mħarrġa apposta ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom id-diklorometan u jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa biex jiġu pprovduti lil dawn il-professjonisti. L-Istati Membri li jagħmlu użu minn din id-deroga għandhom jiddefinixxu miżuri xierqa għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza ta' dawk il-professjonisti li jużaw prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li jkun fihom id-diklorometan u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwarhom. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu r-rekwiżit li professjonist ikollu ċertifikat li jkun aċċettat minn Stat Membru fejn jaħdem dak il-professjonist, jew jipprovdi provi dokumentati oħrajn li jixhdu dan, jew li jkollu l-approvazzjoni b'xi mod ieħor mill-Istat Membru, ħalli jkun jista' juri t-taħriġ u l-kompetenza xierqa biex juża b'mod sigur prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li jkun fihom id-diklorometan. Il-Kummissjoni għandha tħejji lista tal-Istati Membri li għamlu użu minn din id-deroga f'dan il-paragrafu u jqegħduha għad-dispożizzjoni pubblika fuq l-Internet. 3. Professjonist li jibbenefika mid-deroga li jirreferi għaliha l-paragrafu 2, għandu jopera biss fl-Istati Membri li għamlu użu minn din id-deroga It-taħriġ li jirreferi għalih l-paragrafu 2 bħala minimu għandu jkopri: (a) l-għarfien, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji għas-saħħa, inkluż informazzjoni dwar alternattivi jew proċessi eżistenti li skont il-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom huma ta' anqas periklu għas-saħħa u s-sikurezza tal- ħaddiema; (b) l-użu ta' ventilazzjoni adegwata; (c) l-użu ta' tagħmir protettiv personali xieraq konformi mad-Direttiva 89/686/KEE.
---	---

Min iħaddem u ħaddiema li jaħdmu għal rasu għandhom preferibbilment jissostitwixxi d-diklorometan b'aġent jew proċess kimiku li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu, mhuwiex perikoluż, jew huwa inqas perikoluż, għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

Il-professjonisti, fil-prattika, għandhom japplikaw kull miżura tas-sikurezza rilevanti, inkluż l-użu ta' tagħmir protettiv personali.

4. Bla ħsara għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema, il-prodotti għat-tqaxxir taż-żebugħa li fihom diklorometan f'konċentrazzjonijiet daqs jew akbar minn 0,1 % skont il-piż jistgħu jintużaw biss fi stallazzjonijiet industrijali jekk, bħala minimu, jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ventilazzjoni effettiva fl-oqsma tal-ipproċessar kollha, b'mod partikulari għall-ipproċessar bit-tixrib u t-tnixxif ta' oġġetti mqaxxra: ventilazzjoni lokali tal-egżost fit-tankijiet tat-tqaxxir issupplimentata minn ventilazzjoni forzata f'dawn iż-żoni, biex jiġi minimizzat l-esponiment u biex tiġi żgurata l-konformità, fejn ikun teknikament possibbli, mal-limiti rilevanti ta' esponiment fuq ix-xogħol;
- (b) miżuri biex tiġi minimizzata l-evaporazzjoni minn tankijiet għat-tqaxxir, li jinkludu: għotjen biex jgħattu t-tankijiet għat-tqaxxir ħlief waqt it-tgħabbija u l-ħatt; arranġamenti xierqa għat-tgħabbija u l-ħatt ta' tankijiet għat-tqaxxir; u tankijiet għall-ħasil bl-ilma jew b'ilma mielaħ biex jitneħħa s-solvent żejjed wara l-ħatt;
- (c) miżuri biex jiġi mmaniġġjat b'mod sigur id-diklorometan f'tankijiet għat-tqaxxir li jinkludu: pompi u sistema ta' pajpijiet biex jittrasferixxu prodotti għat-tqaxxir taż-żebugħa mit-tankijiet u għal ġo fihom; u arranġamenti xierqa biex jitnaddfu t-tankijiet u jitneħħa r-residwu bla perikli;
- (d) tagħmir ta' protezzjoni personali li jikkonforma mad-Direttiva 89/686/KEE u li jkun jinkludi: ingwanti protettivi, maskli tas-sikurezza u lbies protettiv xierqa; kif ukoll tagħmir ta' respirazzjoni protettiv xieraq għal fejn il-konformità mal-limiti rilevanti ta' esponiment fuq ix-xogħol ma tkunx jista' tinkiseb b'xi mod ieħor;
- (e) informazzjoni, tagħlim u taħriġ adegwati għall-operaturi fl-użu ta' dan it-tagħmir.

5. Bla ħsara għal dispożizzjonijiet Komunitarji oħra li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, sa mhux aktar tard mis-6 ta' Diċembru 2011 il-prodotti għat-tqaxxir taż-żebugħa li fihom konċentrazzjoni ta' diklorometan daqs jew akbar minn 0,1 % skont il-piż għandhom jiġu mmarkati b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx kif ġej:

'Ristrett għall-użu industrijali u għall-professjonisti approvati f'ċerti Stati Membri tal-UE – ivverifika fejn jista' jintuża.'